**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020**

Numru 16

**Rikors Guramentat Nru. 760/2019**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.
bhala mandatarju specjali ta' Unites States Polo Association,
korp guridiku esteru organizzat taht il-ligijiet tal-Istat
tal-Illinois fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' 1400
Centrepark Blvd., Suite 200, West Palm Beach,
Florida 33401, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Philip Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-5 ta' Awwissu, 2019 li jghid hekk:

1. illi huwa jiddetjeni prokura ad litem minghand l-assocazzjoni attrici (vera kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra "A"), u bil-prezenti qed iressaq rikors guramentat fi zmien utli u tempestiv wara l-hrug ta' mizuri provvizorji u kawtelatorji skont kif indikat fid-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti fl-artikolu 8(1)(a) u (b) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali, Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. illi l-assocjazzjoni attrici, korp guridiku mwaqqaf fis-sena 1890 u li jiggverna l-isport tal-polo fl-Istati Uniti tal-Amerika, hija proprjetarja ta' numru ta' trade marks dwar firxa ta' prodotti fosthom principalment hwejjeg ta' diversi tipi. Fir-rigward ta' Malta, hija proprjetarja tas-segwenti trademarks registrati tal-UE, fost ohrajn, u cioe:

(a) , numru 004998696, registrat b'effett mill-5 ta' April tal-2006, inter alia dwar ladies', men's and children's jeans, polo shirts, t-shirts, twill pants, dress shirts, dress pants, footwear, headgear, outerwear, socks, swimwear, suits, ties, underwear, sleepwear fi Klassi 25 tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the Registration of Marks, kif sussegwentement emendat minn zmien ghal zmien; u

(b) , numru 013884317, registrat b'effett mis-27 ta' Marzu tal-2015, inter alia dwar men's, women's and children's apparel, namely sportswear and casualwear including knit and woven tops and t-shirts; trousers; shorts; jeans; skirts; dresses; sweaters; jackets; outerwear; blazers; sport coats; activewear items including, but not limited to jogging pants, sweatshirts and fleece items; underwear; loungewear including, but not limited to pajamas and bathrobes; accessories limited to hats, caps and hosiery, fi Klassi 25 tal-istess Klassifikazzjoni,

dan kollu skont kif indikat fid-dokumenti "B" u "C" hawn annessi.

B'rizultat ta' uzu kummercjali ghal zmien twil, bejgh estensiv u riklamar, dawn it-trade marks tal-assocjazzjoni attrici kisbu avvjament enormi dwar tali prodotti;

3. illi t-trademarks kollha registrati tal-assocjazzjoni attrici jigu amministrati u sfruttati kummercjalment mill-kumpannija Amerikana sussidjarja taghha USPA Global Licensing, Inc, bi ftehim ma' operaturi terzi awtorizzati. F'dawn l-ahhar snin kien hemm espansjoni enormi ta' operazzjonijiet kummercjali f'dan ir-rigward, u sa nofs tal-2019 kien hemm prezenza kummercjali tal-merkanzija b'fuqhom trademarks tal-assocjazzjoni attrici f'169 pajjiz madwar id-dinja, b'aktar minn 1059 monobrand retail stores u bejgh mondjali ta' prodotti li lahqu kwazi zewg biljuni tal-ewro (€2,000,000,000) fl-2018 u bejgh prospettat ghall-2019 f'ammont akbar minn dan;

4. illi fl-Unjoni Ewropea, prodotti ta' hwejjeg b'fuqhom trademarks tal-assocjazzjoni attrici fosthom dawk hawn qabel citati, ilhom jinbieghu ghal aktar minn ghaxar snin tramite operaturi terzi awtorizzati, b'distribuzzjoni lejn hafna multibrand stores u diversi monobrand stores, fosthom wahda f'Malta li nfethet fl-2018 u ohra li ghandha tinfetah fil-futur qarib (ara dokument "D" hawn anness, mahrug mir-rapprezentant

legali tal-operatici terza awtorizzata, il-kumpannija Taljana Incom S.p.A.). F'dan kollu l-assocjazzjoni attrici taghmel sforz kontinwu sabiex, fir-rigward ta' attivitajiet kontravvenjenti min-naha ta' terzi, jigu sorveljati u skrutinati s-swieq fejn topera;

5. illi waqt il-kors ta' proceduri ta' sorveljanza u skrutinju dwar l-attivitajiet kummercjali tal-konvenut (wara li, fil-passat, huwa kien tressaq quddiem din l-istess Onorabbli Qorti fuq importazzjoni u bejgh ta' prodotti falsifikati in kontravvenzjoni tal-jeddijiet tal-assocjazzjoni attrici, rikors numru 474/2017MCH deciz fid-29 ta' Mejju 2017) l-assocjazzjoni attrici nnutat li, minn hanut bl-isem ta' "JUST JEANS" li jinsab gewwa Birkirkara, il-konvenut kien qed joffri ghall-bejgh u jbiegh artikli ta' lbies li ghandhom fuqhom sinjali konsistenti fi, jew altrimenti komprendenti, rapprezentazzjoni partikolari (f'diversi sfumaturi) ta' tlett plejers tal-polo fuq zwiemel bhal per ezempju, , 

u 

, liema rapprezentazzjoni (f'diversi sfumaturi) hija wisq simili ghal dawk it-trademarks tal-UE registrati 004998696 u 013884317 tal-assocjazzjoni attrici hawn aktar qabel citati cioe  u 

;

6. illi f'dan ir-rigward, fl-17 ta' Mejju 2019 l-assocjazzjoni attrici kkummissjonat test purchase ta' prodott kampjunarju minghand il-hanut "JUST JEANS" (fi 4A Triq Il-Wied, Birkirkara) u thallew id-debiti rcevuti minn fuq numru tal-VAT ta' Malta (MT) "14578916" li jindika l-kumpannija Maltija stralcjata / struck off JUST JEANS LTD izda pero li jappartjeni lill-konvenut (ara dokumenti "E", "F", "G" u "H" hawn annessi). Il-prodott kampjunarju mixtri jikkonsisti f'short sleeved polo shirt u gie mghoddi lill-akkwirenti (ara dokument "I" hawn anness). L-assocjazzjoni attrici ghamlet analizi ta' ritratti tal-prodott kampjunarju, minn fejn jirrizulta li tali prodotti huma manifatturati b'mod li, minghajr il-kunsens taghha, sinjali simili ghat-trademarks tal-UE taghha ndikati hawn aktar qabel, jidhru fuqhom (ara dokument "J" hawn anness);

7. illi bhala proprjetarja tat-trademarks tal-UE taghha hawn qabel indikati, l-Art. 9(2.)(b) tar-Regolament U.E. 2017/1001 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea jaghti lill-assocjazzjoni attrici l-jedd:

"... li jimpedixxi kull parti terza, li ma jkollhiex il-kunsens tieghu, li tuza, fil-process normali tan-negozju, marbut mal-oggetti ..., kwalunkwe sinjal fejn: is-sinjal ikun ... simili ghat-trademark tal-UE u jintuza b'rabta ma' oggetti ... li huma identici, jew simili, ghall-oggetti ... li ghalihom tkun giet irregistrata t-trademark tal-UE, jekk ikun hemm il-probabbilta li ssir konfuzjoni min-naha tal-pubbliku; il-probabbilta ta' konfuzjoni tinkludi l-probabbilta ta' assocjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark".

Dan kollu f'cirkustanzi fejn l-Art. 9(3)(c) u (b) tar-Regolament U.E. 2017/1001 jaghmilha cara li:
"Dawn li gejjin, b'mod partikolari, jistghu jigu pprojbiti skont il-paragrafu 2:

l-importazzjoni ... ta' oggetti taht is-sinjal, kif ukoll

l-offerta ta' oggetti, it-tqeghid fis-suq, jew il-hzin taghhom ghal dawk l-ghanijiet taht is-sinjal, ...".

F'dan ir-rigward:
(a) l-Art. 17(1.) tar-Reg. U.E. 2017/1001 jipprovdi li:
"L-effetti ta' trademarks tal-UE ghandhom jigu regolati biss mid-dispozizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. F'aspetti ohrajn, il-ksur ta' trademark tal-UE ghandha tigi regolata mil-ligi nazzjonali li tirrigwarda l-ksur ta' trademarks nazzjonali skont id-dispozizzjonijiet tat-Titolu X."; u

(b) l-Art. 129 tal-istess Reg. U.E. 2017/1001 jipprovdi li:
" 1. Il-qrati ghat-trademarks tal-UE ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Dwar il-kwistjonijiet kollha relattivi ghat-trademarks mhux koperti minn dan ir-Regolament, il-qorti rilevanti ghat-trademark tal-UE ghandha tapplika d-dritt nazzjonali.

3. Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod iehor, il-qorti ghat-trademarks tal-UE ghandha tapplika r-regoli ta' procedura li jirregolaw l-istess tip ta' azzjoni fir-rigward ta' trade mark nazzjonali fl-Istat Membru fejn tinsab il-qorti.";

8. illi b'daqstant allura, dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tal-assocjazzjoni attrici indikati fl-Art. 9(2.)(b) tar-Reg. U.E. 2017/1001 huma applikabbli, mutatis mutandis, dawk id-disposizzjonijiet ta' ligi nazzjonali dwar ksur ta' jeddijiet ta' trademarks registrati f'Malta skont id-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'ligijiet Maltin li jirregolaw it-trademarks u l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjeta intellettwali.

F'dan il-kuntest partikolari, u b'applikazzjoni tal-Artikoli 123 u 129 tar-Reg. U.E. 2017/1001, dwar l-infurzar tal-jeddijiet tal-assocjazzjoni attrici huma rilevanti s-segwenti disposizzjonijiet ta' ligi (fost ohrajn):
(a) ir-regolament 9.(a) tal-Ligi Sussidjarja 597.02 tal-Ligijiet ta' Malta, li biha il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija l-EU trade mark Court ta' Prim'Istanza f'Malta in materja; u

(b) l-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intellettwali (Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta), li permezz tieghu fil-15 ta' Lulju 2019 l-assocjazzjoni attrici ottjeniet mizuri

provvizorji u kawtelatorji tal-jeddijiet taghha ai termini tal-artikolu 8.(1)(a) u (b) tal-istess Kap. 488 (ara vera kopja ta' digriet numru PA 686/2019MCH, dokument "K" hawn anness);

9. illi dwar ksur ta' jeddijiet tal-assocjazzjoni attrici ai termini tal-Art. 9(2.)(b) tar-Reg. U.E. 2017/1001, jigi rilevat is-segwenti:

(i) minn ezami tas-sinjal  u tal-isfumaturi tal-istess kif hawn aktar qabel indikat, hu car li hawnhekk si tratta ta' kkupjar sfaccat tat-trademarks tal-UE tal-assocjazzjoni attrici  u 

;

(ii) di piu, is-sinjali kontravvenjenti li jinsabu fuq tikketti li jakkompanjaw il-prodotti de quo, senjatament 

u 

, jikkomprendu l-frazi "New World Polo" / "NEW WORLD POLO", f'cirkustanzi fejn dan jinftiehem b'referenza ghall-isport tal-polo fl-Ameriki (ara dok. "L" hawn anness). Oltre dan, minn ezami tal-artiklu mixtri, wiehed isib tikketta fuq in-naha ta' gewwa li taqra "SPORTS WEAR COMPANY. PREMIUM ATHLETIC MADE. CUTTERS. MAKERS. DETAILERS. BRITISH DESIGN" apparti mit-tikketta l-ohra marbuta mal-polo shirt li fiha (fost ohrajn) l-indikazzjoni "Turkiye de Uretilmistir" / ("Made in Turkey") – ara dok. "M" hawn anness - u dan kollu f'cirkustanzi fejn prodotti bit-trademarks tal-UE tal-assocjazzjoni attrici huma ntrinsikament marbutin mal-iStati Uniti tal-Amerika u mhux mar-Renju Unit jew mat-Turkija;

(iii) isegwi allura, li hawn si tratta ta' prodotti palezament kontravvenjenti, akkumpanjati minn messaggi lill-konsumatur li huma konfuzjonarji ghall-ahhar fin-natura taghhom u li, aktar ma tizdied l-iskala tal-kontravvenzjoni ta' jeddijiet aktar ser

tkun qed timpingi fuq in-negozju f'Malta ta' prodotti ta' hwejjeg b'fuqhom it-trademarks tal-UE tal-assocjazzjoni attrici hawn aktar qabel indikati specjalment fi zminijiet korrenti u krucjali meta qed jinbena l-isem ta' USPA f'Malta bil-monobrand retail store li nfetah is-sena 'l-ohra kif hawn aktar qabel indikat;

(iv) hawnhekk si tratta ta' kaz klassiku ta' free riding: fi ftit kliem, il-konvenut qed jibbenefika llecitament mit-trademarks tal-UE hawn aktar qabel indikati tal-assocjazzjoni attrici w assocjati mal-prodotti ta' hwejjeg b'fuqhom it-trademarks taghha, u dan billi qed jirkeb minn fuq is-success enormi ta' dawk l-istess trademarks tal-UE madwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jibbenefika mill-attrazzjoni taghhom, u noltri sabiex jisfrutta minghajr hlas ta' ebda kumpens finanzjarju (reaping without sowing), l-isforz immens ta' riklamar minn naha tal-assocjazzjoni attrici, tal-kumpannija sussidjarja taghha USPA Global Licensing, Inc. u ta' operaturi ohrajn assocjati maghha fir-rigward ta' dawk l-istess markji sabiex tigi stabbilita u pprezervata l-immagni taghhom;

(v) b'daqstant, huwa krucjali, bilancjat u proporzjonat, li ma jithalliex li operatur ekonomiku jkompli jisfrutta ndebitament l-avvjament tal-assocjazzjoni attrici, bil-kontinwazzjoni ta' importazzjoni u ta' bejgh ta' oggetti kontravvenjenti, a skapitu tal-jeddijiet tal-istess assocjazzjoni attrici;

(vi) jekk ma jsirx hekk, il-corporate image tal-US POLO ASSN. brand f'Malta tkun destinata li ssofri b'mod assolutament ingust u rrimedjabbli: tkun travestija assoluta tal-gustizzja li brand owner li tant tinvesti rizorsi sabiex tigi protetta l-proprjeta intellettwali taghha madwar id-dinja inkluz f'Malta, ikollha tissubixxi ngustament sitwazzjoni fejn operatur ekonomiku jithalla jibni corporate image mghawga (distorted) dwar il-prodotti bit-trademarks tal-UE tal-assocjazzjoni attrici hawn aktar qabel indikati;

(vii) l-uzu fil-kors tal-kummerc min-naha tal-konvenut, tas-sinjal kontravvenjenti hekk kif hawn qabel indikat, jikkontravvjeni l-jeddijiet antecedenti tal-assocjazzjoni attrici fir-rigward tat-trademarks tal-UE taghha numri 004998696 u 013884317 peress li dan jikkonsisti f'uzu ta' sinjali simili ghal dawn it-trademarks tal-UE, dwar oggetti li huma identici u, jew simili, ghall-oggetti li dwarhom dawn it-trademarks tal-UE jinsabu registrati hekk kif ukoll hawn qabel indikat u skont kif applikabbli, u noltri hemm probabbilta ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabbilta ta' assocjazzjoni bejn is-sinjali wzati mill-konvenut u dawn l-istess trademarks tal-UE.

Fuq dan l-isfond, jigi rilevat ulterjorment li l-uzu tas-sinjali kontravvenjenti min-naha tal-konvenut, qed ikollu l-effett li jiznatura u jippregudika l-funzjoni bazika tat-trademarks tal-UE numri 004998696 u 013884317 tal-assocjazzjoni attrici, li biha l-prodotti bil-markji taghha jkunu distinti minn prodotti ta' terzi;

10. illi jehtieg, kwindi, li l-attivitajiet kontravvenjenti tal-konvenut jigu sanzjonati bil-mezzi disponibbli fil-ligi, b'mizuri ta' natura permanenti ndikati fit-talbiet gudizzjarji kontenuti f'dan l-att gudizzjarju;

11. illi bona gratia taghha, b'komunikazzjoni nterpellatorja mibghuta bil-posta ordinarja u registrata fit-3 ta' Gunju 2019 l-assocjazzjoni attrici nterpellat lill-konvenut

sabiex, entro mhux aktar tard mill-11 ta' Gunju 2019, huwa jottempora ruhu ma' numru ta' rikjesti li gew lilu ndikati (kopja dokument ittra "N" hawn annessa);

12. illi cio nonostante, il-konvenut baqa' inadempjenti minkejja li debitament innotifikat bl-interpellazzjoni li saritlu, sal-punt li rrisponda billi, fuq bazi ta' "minghajr pregudizzju", irrespinga l-pretensjonijet tal-assocjazzjoni attrici;

13. illi b'hekk allura, fuq talbiet tal-assocjazzjoni attrici fil-15 ta' Lulju 2019 inhargu ordnijiet ai termini tal-Art. 8(1)(a) u (b) tal-Kap. 488 kif hawn aktar qabel indikat, filwaqt li bil-prezenti qed jigu prezentati tempestivament l-appoziti proceduri gudizzjarji civili;

14. illi sa mid-data tad-digriet tal-15 ta' Lulju 2019 (riferenza PA686/2019MCH), l-assocjazzjoni attrici ghandha terminu sas-16 ta' Awwissu 2019 inkluz, sabiex jinbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu pprezentati entro dan l-istess terminu;

15. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

16. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-agir min-naha tal-konvenut, konsistenti fit-tqeghid fis-suq ta' Malta (u kwindi f'dak tal-Unjoni Ewropea), fl-offerti ghall-bejgh u fil-bejgh, minghajr il-kunsens tal-assocjazzjoni attrici, ta' artikli ta' lbies li ghandhom fuqhom sinjali konsistenti fi, jew altrimenti komprendenti, rapprezentazzjoni partikolari (f'diversi sfumaturi) ta' tlett plejers tal-polo fuq zwiemel bhal per ezempju, , 

u 

, jikkontravvjeni l-jeddijiet tal-

assocjazzjoni attrici dwar it-trademarks tal-UE numri 004998696 u 013884317 , stabbiliti fl-Artikolu disgha (9) subartikolu tnejn (2.) paragrafu “(b)” tar-Regolament U.E. 2017/1001 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea;

2. tiddikjara li l-istess oggetti u cioe l-artikli ta’ lbies li ghandhom fuqhom sinjali konsistenti fi, jew altrimenti komprendenti, rapprezentazzjoni partikolari (f’diversi sfumaturi) ta’ tlett plejers tal-polo fuq zwiemel bhal per ezempju, , 

u 

, huma oggetti kontravvenjenti;

3. tordna fil-konfront tal-konvenut, projbizzjoni ta’ tkomplija tal-azzjonijiet kontravvenjenti tieghu u dan taht kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti thoss li jkun gust u xieraq fic-cirkustanzi sabiex jigi assigurat li l-konvenut jattjeni ruhu ma’ tali ordni ta’ projbizzjoni;

4. tiddikjara li bhala konsegwenza ta’ agir min-naha tal-konvenut, konsistenti fit-tqeghid fis-suq ta’ Malta (u kwindi f’dak tal-Unjoni Ewropea), fl-offerti ghall-bejgh u fil-bejgh, minghajr il-kunsens tal-assocjazzjoni attrici, ta’ artikli ta’ lbies li ghandhom fuqhom sinjali konsistenti fi, jew altrimenti komprendenti, rapprezentazzjoni

partikolari (f'diversi sfumaturi) ta' tlett plejers tal-polo fuq zwiemel bhal per ezempju, , 

u 

, il-konvenut jinsab responsabbli versu l-hlas ta' danni favur l-assocjazzjoni attrici;

5. tillikwida l-istess danni sofferti mill-assocjazzjoni attrici, jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' perit jew periti nominandi;

6. tordna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-assocjazzjoni attrici l-ammont ta' danni hekk likwidat.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza oltre ghal dawk tar-rikors bir-referenza PA 686/2019MCH deciz fil-15 ta' Lulju 2019 u ta' kull procedura relatata ma' din il-kawza, kif ukoll bl-imghaxijiet kalkolabbli bl-oghla rata skont il-ligi mid-data ta' meta bdew l-attivitajiet kontravvenjenti sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament jinghad illi l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju dana stante li l-prodott bil-marka u s-sinjal li qed isir referenza ghaliha fir-rikors promotur huwa ta' marka li l-proprjetarju taghha huwa persuna ta' nazzjonalita Torka ossia BÜLENT BAHADIR (5305793), M. Nezihi Özmen Mah. Kasım Sok. No:67 Zemin Kat Dükkan No:19 Merter Güngören İstanbul TÜRKİYE, li ghandu validament irregistrat fuq ismu l-istess Trademarks kif ikkonfermat fl-anness dokumenti immarkati bhala DOK. PD1 u PD2;

2. Illi ghaldaqstant, l-assocjazzjoni rikorrenti United States Polo Association jekk se mai riedet tipprotegi l-jeddijiet taghha kelha tniedi proceduri kontra min irregistra l-jeddijiet tieghu frq it-Trademark 201326977 u 201503654 mat-Turkish patent and Trademark office, fejn l-assocjazzjoni rikorrenti ghandha aktar minn 42 trademark rregistrata, kif ikkonfermat fl-anness dokument mmarkat bhala DoK. PD3;

3. Illi huwa ta' relevanza l-fatt li l-ewwel trademark ta' newworldpolohopefultomorrows registrata mat-Turkish patent and Trademark office tmur lura ghas-sena 2014 (vide DoK. PD1) u wara kienet saret applikazzioni ohra ghal trademark taht l-istess isem fis-16 ta' lannar tas-sena 2015 (vide DOK. PD2);

4. Illi il-fatt li z-zewg marki 201326977 u 201503654 ghadhom sallum registrati mat-Turkish Patent and Trademark Office u ma gewx ddikjarati invalidi, huwa minnu nnifsu konferma li dawn tal-ahhar huma trademarks distinti mit-trademarks registrati mill-assocjazzjoni rikorrenti;

5. Illi l-intimat huwa sid ta' negozju zghir Malti li jbiegh hwejjeg ta' diversi ditti li mhumiex popolari jew hekk imsejjha high street brands u f'certu kazi bhal dak indizamina, ikollu wkoll biss kampjuni li huwa jkun gab sabiex jittestja s-suq lokali;

6. Illi huma wkoll infondati l-allegazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti li dan kien "kaz klassiku ta' free riding" min naha tal-intimat u dan stante li fl-operat tal-intimat ma kien hemm qatt intenzjoni malizzjuza ghall-otteniment ta' vantaggi illeciti;

7. Illi di piu zgur ma jistax jinghad li l-assocjazzjoni rikorrenti bniet xi reputazzjoni f'Malta tul is-snin meta l-ewwel hanut li tfacca fil-gzejjer Maltin li jbiegh il-hwejjeg tal-assocjazzjoni rikorrentl hekk kif ammess fir-rikors promotur stess, kien biss fl-2018;

8. Illi l-argument tas-socjeta rikorrenti inkwantu ghal origini tal-isem "New World Polo", it-tikketta u l-fatt Ii din tindika Ii huma "made in Turkey", ftit li xejn ghandhom isibu sostenn u dan mhux biss stante Ii fid-definizzjoni ta' New World provduta mil-assocjazzjoni rikorrenti stess issir referenza li dan huwa terminu wzat mill-Ewropej, imma anke konsiderando li t-Turkija llum hija fost l-aqwa 10 pajjizi esportaturi tat-tessili u I-hwejjeg, tant li l-istess socjeta rikorrenti rregistrat xejn aktar minn 42 trademark f'din il-gurisdizzjoni;

9. IlIi nkwantu ghar-referenza ghal kawza bejn l-istess partijiet li tirriferi ghaliha s-socjeta rikorrenti, Ii ggib ir-rikors bin-numru 474/2017MCH, il-Qorti qatt ma pronunzjat ruhha jekk kienx hemm kontravvenzjoni tal-jeddijiet tal-assocjazzjoni attrici wara li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet u l-istess assocjazzjoni attrici cediet l-atti ta' dawn il-proceduri stante transazzjoni;

10. Illi di piu in konnessjoni mal-istess kawza, irid jinghad li l-fatti huma kompletament differenti stante Ii fil-kawza odjerna kemm il-marki tal-assocjazzjoni rikorrenti u kif ukoll dawk il-marki ta' newworldpolohopefultomorrows huma debitament registrati fil-pajjiz minn fejn l-intimat xtara il-flokk in kwistjoni;

11. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'referenza ghal ordni ta' qbid jew kunsinna ta' oggetti ai termini ta' Kap. 488 hekk kif mitlub mill-assocjazzjoni rikorrenti fil-15 ta' Lulju 2019, ma nstab ebda oggett iehor tal-istess ditta u marka in kwistjoni fil-hanut tal-intimat u ghaldaqstant l-assocjazzjoni rikorrenti ghamlet allegazzjonijiet infondati meta qalet li l-intimat baqa' inadempjenti u li kkawzala danni li ghandhom jigu likwidati minn din l-istess Qorti u dan stante li ma kien hemm ebda azzjoni ulterjuri li setgha jiehu l-intimat sabiex jottempora ruhu mar-rikjesti indikati fl-interpellazzjoni tal-assocjazzjoni rikorrenti ta' 3 ta' Gunju 2079.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-assocjazzjoni tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontral-istess socjeta rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel, it-tieni u t-tielet (1, 2 u 3) talba tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark mertu ta' din il-kawza ma tikkontraveniex il-jeddijiet tal-assocjazzjoni attrici dwar it-trademarks tal-UE numri 004998696 u 013884317;

2. Illi dwar ir-raba', il-hames u s-sitt (4, 5 u 6) talba ghal dak li jirrigwarda l-allegat danni subiti, l-intimat jeccepixxi illi dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda u dana peress li mhux minnu li s-socjeta attrici soffriet xi forma ta' dannu u wisq inqas li l-intimat ikkawzalhom danni;

3. Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-assocjazzjoni rikorrenti minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur nomine tad-19 ta' Frar 2020 li permezz taghha ceda r-raba', il-hames u s-sitt talbiet izda zamm ferm l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet oltre ghall-pretensjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenut dwar l-spejjez gudizzjarji kollha.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut tad-19 ta' Frar 2020 ghar-rigward tal-ewwel tlett talbiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenut ghall-ewwel tlett talbiet attrici, qed tilqa' dawn it-talbiet fil-konfront tal-konvenut kif dedotti fir-rikors promotur filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' sas-sitt talbiet attrici billi gew ceduti. L-ispejjez kollha tal-kawza inkluz tat-talbiet li gew ceduti mis-socjeta attrici, huma kollha a karigu tal-konvenut, kif ukoll l-ispejjez tar-rikors 686/2019MCH deciz fil-15 ta' Lulju 2019.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur